**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**vs**

**Ali Abdul Razak**
**Abrihema Giymay Mengisteab**
**Abdulrahman Abdulla Hamja**
**Giddu Mahiok**
***Omissis***
**Abrham Hinstab**
***Omissis***

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Ali Abdul Razak** ta' 23 sena iben Adam u Hawaa, imwieled North Dafur, Sudan nhar l-01 ta' Jannar 1997, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20O-019

**Abrihema Giymay Mengisteab** ta' 22 sena iben Abiseha Girmay u Tarik Gebru, imwieled Semerna, Eritrea nhar l-01 ta' April 1998, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal- pulizija 20N-070

**Abdulrahman Abdulla Hamja** ta' 20 sena iben Abdulrahman u Uhaura mwieled Mogadishu, Somalia, nhar l-01 ta' Jannar 2000, residenti gewwa c-centru ta' detentzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20C-074

**Giddu Mahiok** ta' 20 sena iben Dung u Ayem mwieled Kharthoum, Sudan nhar il-31 ta' Jannar 2000, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20F-034

***Omissis*** ta' 17 il-sena iben Kazet Victor u Fedjio Nguesta Marie, imwieled Douala, Cameroon nhar il-11 ta' Mejju 2003, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20Z-172

**Abrham Hinstab** ta' 37 sena iben Abraham Gelam u Merho Shazshi imwieled Endaba, Eritrea nhar is-06 ta' Gunju 1983, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20N-051

***Omissis*** ta' 15 il-sena iben Birhane u Zayo imwieled nhar il-01 ta' Jannar 2005 gewwa Ebaleka, Eritrea, residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20N-060

Akkuzati talli nhar it-18 Settembru 2020 bejn is-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (01:45hrs) u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) [sic} ghad-dannu tal-gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kienitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliejhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paci tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta' Kap' 9 tal-Ligijiet ta Malta.

5. irrendew ruhhom komplici billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi w dan bi ksur tal-Artikolu 42 *(d)* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. ikkommettew harba semplici mic-centru sa [sic] detenzjoni ta' Safi Barracks waqt li kienu taht il-kustodja ta' persuni inkarigati miz-zamma taghhom u dan bi ksur tal-Artikoli 151, 160 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar **Ali Abdul Razak u Abrihema Giymay Mengisteab** akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

7. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja tal-ufficjali tal-pulizija f'periklu car, ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ufficjali tal-pulizija PS1010 Andrea Zahra, u PC1514 Daniel Debattista, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna tal- Ufficjali tal-pulizija PS1010 Andrea Zahra, u PC1514 Daniel Debattista, bi ksur ta’ l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja tal-ufficjali tal-pulizija f’periklu car, ikkagunaw ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjali tal-pulizija PC1508 Brian Farrugia, u PC877 Glen Peter Vella, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

10. U talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjal tal-pulizija PC1508 Brian Farrugia, u Ufficjal tal-pulizija PC877 Glen Peter Vella, bi ksur ta’ l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

**2.** Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Awwissu 2021, fejn deherlu li tista tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikolu 68(1), 68(2) u 68(3) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-Artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-Artikolu 151 u 160 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. Fl-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. Fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10. Fl-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
11. Fl-Artikolu 17, 31, 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**3.** Semghet lill-imputati jiddikjaraw li m’ghandhomx oggezzjoni li l-dawn il-proceduri kontrihom jigu ttrattati u decizi bil-procedura sommarja.

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Rat li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati *Omissis* u *Omissis*, u li din il-Qorti laqghet it-talba.

**6.** Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

**7.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Dan il-kaz jirrigwarda diversi incidenti li sehh matul is-sieghat bikrin tat-18 ta' Settembru 2020 fid-detention centre gewwa s-Safi Barracks ta' Hal-Safi.

2. Numru ta' detenuti ifformaw toqba fil-hajt ta' wiehed mid-dormitorji fejn kienu detenuti billi mbuttaw il-barra parti mill-hajt taht tieqa, u bdew jaharbu mid-detention centre.

3. Din it-toqba fid-dormitorju infethet fuq passagg miftuh li huwa facilment accessibbli minn spazju miftuh fuq gewwa tal-kumpless. Dan il-passagg ghandu wisa' ta' kwazi erba' (4) metri u tul ta' circa tletin (30) metru. Fil-gnub rispettivi tal-passagg hemm fence fuq naha u hajt tal-franka fuq in-naha l-ohra.

4. Numru ta' ufficjali stazzjonati fid-detention centre mghejjuna min-numru ta' pulizija tar-Rapid Intervention Unit intervenew biex jikkontrollaw din is-sitwazzjoni, billi resqu lejn id-detenuti waqt li dawn ippruvaw johorgu 'il barra mid-dormitorju.

5. Mill-provi migbura irrizulta wkoll li whud mid-detenuti bdew igaraw l-oggetti, inkluz gebel tal-knaten li qalghu. Irrizulta wkoll li xi detenuti kellhom bicciet tal-hadid f'idejhom, u bdew ixejruhom jew jaghtu bihom. Id-detenuti harqu wkoll xi saqqijiet.

6. Diversi pulizija garrbu griehi b'konsegwenza ta' dan l-incident li huma kellhom mad-detenuti.

7. Il-Prosekuzzjoni ressqet b'kollox seba' u ghoxrin (27) persuna l-Qorti mixlija b'reati identici in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni, pero ghal fini tal-proceduri kriminali, il-Prosekuzzjoni qasmithom fi gruppi izghar.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

*Kunsiderazzjoni Preliminari dwar in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali*

**8.** Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali iddikjara li setghet tinstab htija taht id-disposizzjonijiet tal-ligi minnu indikati fil-konfront tal-imputati, minghajr ma ghamel l-ebda kwalifika. Ghaldaqstant, f'din in-nota huwa qed jixli lill-imputati kollha bi ksur ta' diversi disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.

**9.** Ghalkemm id-difiza ma issollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, il-Qorti qed tissolleva *ex officio* il-kwistjoni li minn qari tac-citazzjoni, li fuqha saret il-kumpilazzjoni, huma biss l-ewwel u t-tieni imputat, u cioe Ali Abdul Razak u Abrihema Giymay Mengisteab, li kienu mixlija bi ksur tal-Artikoli 96(a), 216 u 221 tal-Kodici Kriminali, u mhux ukoll l-imputat l-ohra wkoll.

**10.** Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun*

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. … … Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

**11.** Ghalhekk, una volta li fic-citazzjoni it-tielet, ir-raba' u sitt imputat ma gewx mixlija bl-imputazzjonijiet 7, 8, 9 u 10, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati f'dawn l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati ukoll. L-Avukat Generali zied dawn ir-reati fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati ukoll fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju. Pero, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti m'hix ser tiehu konjizzjoni ta' dawn ir-reati fil-konfront tat-tielet, ir-raba' u s-sitt imputat.

**12.** Il-Qorti izzid tghid ukoll *ex officio*, li minn kif giet redatta n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, ma jirrizultax li l-imputati jinsabu mixlija b'komplicita tar-reat ta' hruq ta' saqqu gewwa c-centru ta' detenzjoni, kif kienu mixlija fil-hames imputazzjoni fic-citazzjoni. Konsegwentement, din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-hames imputazzjoni fic-citazzjoni.

<u>*Il-Meritu*</u>

**13.** Fl-opinjoni tal-Qorti huwa opportun ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza li hija tikkonsidra l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' kull imputat individwali ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

*L-Ewwel Imputat - Ali Abdul Razak*

**14.** Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, Ali Abdul Razak irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti infurmatu illi ma kinietx se taccetta l-ammissjoni tieghu ghas-seba', it-tminn, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet stante li f'dan l-

istadju kellha d-dubbji taghha jekk ir-reati gewx tassew kommessi kollha u/jew jekk l-imputat hux hati ta' dawn l-erba' reati kollha.

**15.** Fir-rigward tal-ewwel sitt imputazzjonijiet il-Qorti wissiet lill-imputat Ali Abdul Razak li l-piena massima ghal dawn l-ewwel sitt imputazzjonijiet kienet ta' seba' snin u sitt xhur prigunerija.

**16.** Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex *inter alia* dan l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**17.** Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lil dan l-imputat jekk kellux hin jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, u hu wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mil-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu fir-rigward tal-ewwel sitt imputazzjonijiet wiegeb li jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghal dan is-sitt imputazzjonijiet.

**18.** Ghalhekk fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti qed issib lil dan l-imputat hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra tieghu, pero mhux qed issibu hati tal-imputazzjoni numru wiehed (1) (hsara volontarja), kif formulata fic-citazzjoni, u tal-hames imputazzjoni, u dan ghar-ragunijiet li se jinghadu iktar tard. Pero apparti l-ammissjoni tieghu, diversi ufficjali identifikaw lil dan l-imputat bhala wiehed mid-detenuti li hareg mill-isqaq ossia passagg ixejjer hadida.[2]

**19.** Pero, ghalkemm dan l-imputat ammetta li huwa hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe li ikkaguna hsara volontarja li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema hsara tammonta ghal aktar minn €2,500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, fir-rapport tieghu, il-Perit Robert Musumeci, li gie mahtur bhala espert fl-inkjesta, jghid hekk:

*"8. Fuq nota ohra, jigi rilevat li, mill-ewwel daqqa t'ghajn, ma sehhewx hsarat, almenu ta' natura magguri, fuq gewwa tad-dormitorju. Dan anke jekk gew notati xi zraben mahruqin fil-kuritur miftuh vicin it-toqba. Mill-banda l-ohra, sabiex il-hajt (fejn kienet iffurmata t-toqba) jigi rijintegrat ghall-istat li kien, hemm spiza ta' hames mitt ewro qabel il-vat (€500)"*[3]

---

[2] Ara xhieda ta' Martin Bonnici a fol. 76 – 77 tal-process, u xhieda ta' Darren Fenech a fol. 59 tal-process.
[3] Ara fol. 329 tal-process.

**20.** Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra tad-danni strutturali subiti, oltre dak li jghid il-Perit Musumeci. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif formulata, u cioe li l-ammont ta' danni jiskorri is-somma ta' €2,500, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, izda issibu hati taht l-Artikolu 325(1)(b), stante li mill-provi migjuba jirrizulta li l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix €2,500, iżda hija izjed minn €250.00.

**21.** Inoltre, peress li din l-ammissjoni giet registrata qabel l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar il-fuq, din il-Qorti mhux ser issib lil dan l-imputat hati tal-imputazzjoni numru hamsa, minkejja l-ammissjoni tieghu ghal din l-imputazzjoni, stante li kif inghad din l-imputazzjoni mhix riflessa fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

**22.** Rigward is-seba' u t-tminn imputazzjoni, u cioe li dan l-imputat ikkaguna ferita gravi lil PS1010 Andrea Zahra u lil PC 1514 Daniel Debattista, mil-provi prodotti effettivament jirrizulta li dan l-imputat ikkaguna ferita ta' natura gravi lil PS 1010 Andrea Zahra biss, stante li PC 1514 Daniel Debattista xehed li mhux kapaci jidentifika min tefghalu l-gebla fuq imniehru,[4] u l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi ohra li remotament jistghu juru li kien dan l-imputat li ikkaguna l-ferita gravi lil PC 1514 Daniel Debattista.

**23.** Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2020, PS 1010 Andrea Zahra ma kellu l-ebda ezitazzjoni jidentifika lil Ali Abdul Razak bhala l-persuna li waqt li kien qed jipprova flimkien ma' ufficjali ohrajn jarrestah u jimmanettjah, tah daqqa ta' hadida fuq in-naha tax-xellug tal-warda ta' wiccu. Huwa vera li fix-xhieda tieghu in kontro-ezami fis-27 ta' Ottubru 2021, PS 1010 Andrea Zahra ma kienx kapaci jaghraf lill-aggressur tieghu,[5] pero wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li meta xehed in kontro-ezami PS 1010, kienet ghaddiet aktar minn sena mid-data tal-incident, u li PS 1010 kien ra lill-imputat darba waqt dan l-incident.

---

[4] Ara fol. 44 tal-process.
[5] Ara fol. 570 tal-process.

**24.** Ghalhekk id-dikjarazzjoni tad-difiza fit-trattazzjoni orali li l-aggressur ta’ PS 1010 kien diga gie sentenzjat hija totalment infondata fil-fatt, ghax l-imputat Razak hu l-uniku detenut li gie identifikat li aggredixxa lil PS 1010.

**25.** Inoltre, fix-xhieda tieghu d-detention Officer Martin Bonnici xehed li hu ra lil Razak ghaddej mill-isqaq, ossia passagg, ixejjer hadida, sabiex l-ufficjali jibzghu iwaqqfuh.[6] Fid-dawl ukoll ta’ din ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li kien l-imputat Razak li ikkaguna l-ferita gravi lil PC 1010.

**26.** Fir-rapport tieghu, l-espert Dr Mario Scerri qal li *“P.S. 1010 Andrea Zahra garrab frattura taz-zygomatic arch tax-xellug rizultat ta’ blunt trauma vjolenti fuq il-wicc ... ... Illi din hija lezjoni ta’ natura gravi per durata.”*[7]

**27.** Ghalkemm fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, P.S. 1010 qal li llum il-gurnata m’ghadx ghandu effetti ta’ din il-ferita, din il-ferita hija xorta wahda gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, stante li ksur tal-ghadam idum aktar minn tletin ġurnata biex ifieq, u ghalhekk huwa ta’ natura gravi *per durata.* Fil-fatt, fir-rapport tieghu Dottor Mario Scerri iddikjara li ghalkemm huwa kien ezamina lil P.S. 1010 fit-23 ta’ Frar 2021 – cioe iktar minn hames (5) xhur wara l-akkadut – huwa kien ghadu sa’ dak in-nhar jilmenta minn kongestjoni fl-imnieher specjalment meta jimtedd.[8]

**28.** Fl-imputazzjonijiet numru 9 u 10, l-imputat Razak huwa wkoll mixli li ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 1508 Brian Farrugia u PC 877 Glen Peter Vella. Pero fix-xhieda tieghu PC 1508 Brian Farrugia ma qal imkien li sofra xi griehi, u wisq inqas identifika lill-imputat Razak bhala l-persuna li ikkagunalu xi griehi.[9]

**29.** Min-naha l-ohra PC 877 Glen Peter Vella xehed li kien hemm detenut li kkagunalu feriti hfief, pero ma indikax lill-imputat Razak bhala l-aggressur tieghu, izda imputat iehor, kif se jinghad iktar l-isfel.

---

[6] Ara fol. 76 u 77 tal-process.
[7] Ara fol. 443 tal-process.
[8] Ara fol. 443 tal-process.
[9] Ara fol. 103 tal-process.

**30.** Ghaldaqstant, l-imputat Razak ma jistghax jinstab hati tad-disa' (9) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

*It-Tieni Imputat - Abrihema Giymay Mengisteab*

**31.** Dan it-tieni imputat gie identifikat minn zewg ufficjali li kienu fuq il-post. Darren Fenech, l-Officer in Charge tad-detention centre xehed li ftit granet qabel l-incident *de quo*, l-imputat Mengisteab kien qallu l-kliem fis-sens li jew jinghataw il-helsien jew inkella jaharbu. Fenech xehed li dak in-nhar tal-incident huwa ra lil dan l-imputat igara lill-ufficjali mit-toqba wara s-saqqijiet, peress li d-detention officers u l-Pulizija kien qed jghalqulhom il-hrug mil-passagg.[10] Huwa vera li meta xehed in kontro-ezami Fenech ma kien kapaci jaghraf lil hadd, pero kif inghad fil-konfront ta' PS 1010, il-Qorti tapprezza li kienet ghaddiet sena bejn id-data tal-incident u d-data meta xehed in kontro-ezami.

**32.** Inoltre, id-detention officer Martin Bonnici xehed li huwa ra lil dan l-imputat ghaddej minn nofs l-ufficjali b'hadida f'idu biex jahrab.[11]

**33.** Fix-xhieda tieghu, l-imputat Mengisteab xehed li matul dak il-lejl hu qaghad fil-kamra rieqed, u hareg biss fil-ghodu meta dahlu l-Pulizija u qalu lil kulhadd biex johrog barra. Din il-verzjoni sempliciment m'hix kredibbli. Huwa totalmenti inverosimili li persuna jirnexxiela tibqa' rieqda meta mil-provi jirrizulta li kienet ghaddejja taqtiegha manja bejn id-detenuti u l-ufficjali tas-sigurta li damet cirka erba' sieghat. Il-konfuzjoni u l-glied li kien hemm – apparti minn kif deskritt minn diversi xhieda – jirrizulta wkoll mil-istills tal-filmat tac-cctv li qieghdin fir-rapport tal-espert tal-informatika Alvin Cremona.[12] Sfortunament, il-Prosekuzzjoni naqset li tiehu hsieb li jkun hemm kopja tas-CCTV footage innifsu, pero mir-rapport u mil-istills kontenuti fih wiehed jiehu idea cara tal-kommossjoni li kien hemm.

**34.** Pero ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li dan l-imputat kien wiehed minn dawk li kien qala' il-hajt. Dan mhux sorprendenti, stante li

[10] Ara fol. 61 tal-process.
[11] Ara fol. 75 – 76 tal-process.
[12] Ara fol. 237 *et seq.* tal-process.

ovvjament id-detenuti li kienu qed jaqilghu l-hajt, kienu wara l-istess hajt, u ghalhekk l-ufficjali ma setghux jaraw min effettivament qed ihott il-hajt.

**35.** Fit-trattazzjoni orali wiehed mil-abbli difensuri jissottometti illi r-reat ta' rewwixta [sic] ai termini tal-Artikolu 68 ma jirrizultax, ghax meta hargu (mit-toqba) lanqas kienu ghaxra min-nies, izda hargu erba' detenuti u mbaghad detenut iehor. Fl-ewwel lok jirrizulta ampjament mil-provi li hargu hafna iktar minn hames denuti mit-toqba. Mhux kontestat li kien hemm tlett mija u sebghin (370) detenut f'dik il-parti tad-detention centre, u kellhom jigu mhux biss numru konsiderevoli ta' Pulizija, izda wkoll il-forzi armati u l-ufficjali tal-protezzjoni civili biex is-sitwazzjoni setghet tigi kkontrollata.

**36.** Fit-tieni lok, l-imputati mhux akkuzati bir-reat ta' rewwixta li hu kontemplat fl-Artikolu 79 tal-Kodici Kriminali, izda bir-reat ta' attruppament li hu regolat bl-Artikolu 68 tal-istess Kodici. Ai termini tal-Artikolu 68(2) tal-Kodici Kriminali, ir-reat ta' attruppament isehh meta: *"Kull min jieħu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nies ma tkun ġiet imxewxa minn ħadd in partikulari, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur jew il-multa."*

**37.** Il-**Prof. Mamo** jghid hekk fuq dan id-delitt;

*"The elements of this crime are:*

*i. The taking of an active part in an assembly*

*ii. Formed of ten or more persons*

*iii. With the object of committing an offence.*

*For a conviction of this crime it is essential that the defendant should be proved to have taken an <u>active</u> part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission of an offence. "Il delitto di cui al para 2ndo dell'articolo 71 (now 68) delle leggi criminali si consuma pel solo fatto di formar parte dell'attruppamento allorche questo si revela come tale. Non si richiedono ne convenzioni prestabilite, ne consensi espresso, ne ordini di gerarchia o di disciplina fra li attrupati. Come*

*dimostrano le parole delle legge – anchorche l'attruppamento non sia stato da alcuno in particolare suscitato – una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, collo scopo di commettere un reato, delitto o contravenzione che sia, e un attruppamento punibile. (Criminal Appeal "Police vs Carmelo Saliba et" 25.6.02 – Law Reports Volume XVIII, Part IV, page 39; Criminal Appeal "Police vs Rocco Zammit et" 24.4.11; Criminal Appeal "Police vs Giovanni Debattista et" 20/9.12; Criminal Appeal "Police vs Bigeni 17.3.1945."*[13] (sottolinear tal-awtur).

**38.** Issa fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament mill-provi li aktar minn ghaxra min-nies ingabru wara l-hajt tad-dormitorju bl-intenzjoni li jaghmlu toqba fl-istess hajt, u jaharbu minnha. Certament huma ma ghamlux it-toqba ghal xi skop inokwu, kif tipprova tati *ad intendere* id-difiza fit-trattazzjoni orali. Certament, lanqas ma jista' jinghad li d-detenuti kellhom xi istint naturali li johorgu mit-toqba, kif issottometti id-difiza. Meta l-ufficjali imbarrawlhom il-passagg biex wara li johorgu mit-toqba fil-hajt ma jhalluhomx jghaddu, id-detenuti kienu aggressivi fil-konfront taghhom tant li bdew igarawlhom il-gebel u jxejjru bicciet tal-hadid, biex l-ufficjali jibzghu u jhalluhom jghaddu. Ma kien hemm l-ebda mod kif id-detenuti setghu, wara li johorgu mit-toqba fil-hajt, jaharbu minghajr ma b'xi mod jghaddu l-barrikata li l-ufficjali tal-ordni ghamlu fil-passagg – u l-unika mod kif dawn setghu jghaddu l-barrikata kien billi jkunu aggressivi mal-istess ufficjali. Fil-fatt, id-detention officers u anke l-Pulizija kellhom isejhu ghar-rinforzi, kif ukoll jilbsu ilbies protettiv sabiex ma jwegghux. Kellhu ukoll isir uzu tal-pepper spray biex jinibixxu d-detenuti milli johorgu mit-toqba, u gew sparati rubber pellets fid-detention centre.

**39.** Mill-provi jirrizulta ampjament li dan l-imputat kien jifforma parti minn dan l-attruppament.

**40.** Il-kontravvenzjonijiet li m'obdiex l-ordinijiet legittimi tal-awtorita u li kiser l-buon ordni jirrizultaw wkoll debitament ippruvati.

**41.** Inoltre, l-fatt li l-imputat hareg illegalment minn gol-bini jammonta ghal harba minn post ta' detenzjoni, ghax f'dak il-hin, l-imputat kien detenut fid-dormitorju, u ma allura ma setghax johrog minn hemm minghajr raguni valida.

[13] *Ibid.* fol. 17.

**42.** L-imputazzjonijiet ta' ferita gravi lil PS 1010 Andrea Zahra u PC 1514 ma gew bl-ebda mod ippruvati fil-konfront ta' dan l-imputat.

**43.** Lanqas l-imputazzjonijiet ta' ferita hafifa lil PC 1508 Brian Farrugia ma giet b'xi mod ippruvata.

**44.** Pero fix-xhieda tieghu PC 877 Glenn Peter Vella xehed illi ra lil dan l-imputat iwaddab xi haga fid-direzzjoni tieghu: *"Dak il-hin ma nafx kienitx hadida jew xi gebla, fejn laqat lili f'idejja, fejn qattghali l-flokk u ghamilli dawn il-feriti."*[14] Huwa ezebixxa r-ritratti relattivi u c-certifikat mediku rilaxxat minn Dr Jonathan Joslyn fejn iccertifika li kellu *lacerated wound* fuq spaltu tax-xellug ta' centimentru, kellu barxa ta' centimetru fuq l-istess spalla, u kellu kontuzjoni ukoll fuq in-naha tad-driegh in-naha ta' quddiem. Dr Joslyn xehed li dawn il-griehi kienu ta' natura hafifa.[15]

**45.** Ghalhekk l-imputazzjonijiet ta' ferita hafifa fuq PC877 Glen Vella gew debitament ippruvati.

*It-Tielet Imputat - Abdulrahman Abdulla Hamja, Ir-Raba' Imputat - Giddu Mahiok u Is-Sitt Imputat - Abrham Hinstab*

**46.** Il-provi fir-rigward ta' dawn it-tlett imputati se jigu ikkunsidrati flimkien, stante li huma komuni u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni inutili.

**47.** PC 661 Christian Grech gharaf lit-tielet imputat Hamja u lis-sitt imputat Hinstab bhala detenuti li aggredew lill-ufficjali bil-pajpijiet tal-hadid u billi jwaddbulhom il-gebel.[16] Darren Fenech ukoll xehed li ra lis-sitt imputat jitla' mal-fence u jaqbez ghal barra[17] u li ra lit-tielet imputat Hamja jiddahhal minn barra id-detention centre.[18]

---

[14] Ara fol. 99 tal-process.
[15] Ara fol. 137 tal-process.
[16] Ara fol. 109 – 110 tal-process.
[17] Ara fol. 58 tal-process.
[18] Ara fol. 60 tal-process.

**48.** Id-detention officer Martin Bonnici xehed li hu ra lir-raba' imputat Mahiok igara l-gebel lejn wiehed mill-ufficjali tas-sigurta u jahrab.[19] Imbaghad Jordan Coleiro, detention officer xehed li ra lill-Pulizija igibu lil dan ir-raba imputat lura id-detention centre minn barra u tawhulhom.[20] Effettivament, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, ir-raba' imputat Mahiok irregistra ammissjoni – wara d-debita twissija minn din il-Qorti u wara li inghata hin biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu – ghas-sitt imputazzjoni, u cioe dik ta' harba semplici. Pero, kif diga inghad mill-provi jirrizulta ampjament li l-ufficjali kienu qieghdin jimbarraw il-passagg, u ghalhekk kien impossibli ghal xi detenut li jirnexxielu jahrab u jghaddi min-nofs dawn l-ufficjali minghajr ma juza xi forma ta' aggressjoni fil-konfront taghhom, sabiex ihalluh jghaddi.

**49.** It-tielet imputat Hamja offra d-deposizzjoni tieghu u ammetta li pprova jahrab, pero jghid li l-ufficjali tas-sigurta bdew jigru warajh u sparaw fuqu, u ghalkemm hu waqaf huma bdew isawtuh. Fir-rapport tieghu, Dr Mario Scerri ikkonkluda li l-lezjonijiet li kellu fuqu l-imputat Hamja kienu kompatibbli ma' comb irqiq. Mill-atti jirrizulta li hemm proceduri kriminali ohra pendenti kontra terza persuna rigward dawn il-lezjonijiet li sofra l-imputat Hamja u ghalhekk mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga dwar dawn il-lezjonijiet.

**50.** Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fil-konfront tat-tieni imputat Hamja fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati.

**51.** Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib lil dawn it-tlett imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni, imma ser issibhom hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt imputazzjonijiet.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-Piena**

**52.** Ghalkemm il-fedina penali tal-imputati hija wahda netta, wiehed ma jridx jinsa li l-imputati ilhom hawn Malta biss ftit xhur, u huwa prattikament impossibbli ghal Prosekuzzjoni li tottjeni l-fedina penali mill-pajjizi fejn kienu jghixu qabel.

[19] Ara fol. 73 tal-process.
[20] Ara fol. 74 tal-process.

**53.** Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni, l-imputazzjonijiet numru tlieta (3) u erbgha (4), li huma ta' natura kontravenzjonali, huma assorbiti fil-pieni tal-imputazzjonijiet l-ohra.

**54.** Fir-rigward tal-imputat Razak li nstab hati li kkaguna ferita gravi lil PS 1010 Andrea Zahra, is-seba' (7) imputazzjoni hija assorbita fit-tminn (8) imputazzjoni bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

**55.** Bl-istess mod, fir-rigward tal-imputat Mengisteab li nstab hati li ikkaguna ferita hafifa lil PC877 Glen Peter Vella, l-ghaxar (10) imputazzjoni hija assorbita fid-disa' (9) imputazzjoni, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

**56.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza ghamlet riferenza vaga ghal kundizzjonijiet li fihom jinzammu d-detenuti, u ipprezentat sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' Malta kif ukoll diversi ritratti. Dawn ir-ritratti huma totalment inammissibli bhala prova, stante li mhux biss lanqas id-difiza stess fit-trattazzjoni ma spjegat ta' fejn huma dawn ir-ritratti, imma lanqas meta u c-cirkostanzi li fihom ittiehdu dawn ir-ritratti, izda lanqas ittellghet xi persuna biex tikkonfermahom bil-gurament.

**57.** Din il-Qorti hija konxja li l-kundizzjonijiet li fihom jinzammu d-detenuti Hal-Safi gie kemm il-darba skrutinizzat mhux biss fil-media lokali u internazzjonali pero anke minn organi internazzjonali, u kien hemm kritika negattiva fir-rigward. Pero l-Qorti tosserva li minkejja li fil-kaz odjern zewg imputati offrew id-deposizzjoni taghhom, hadd minnhom ma deherlu li kellu jixhed fuq il-kundizzjonijiet li fih kien qieghed jinzamm detenut u kemm kien ilu hekk detenut. Ovvjament din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' allegazzjonijiet minghajr ebda forma ta' prova ammissibbli skond il-ligi.

**58.** Rigward l-ispejjez li ghandhom jigu mhallsa mill-imputati, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-Prosekuzzjoni ressqet b'kollox seba' u ghoxrin (27) persuna l-Qorti mixlija b'reati identici in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni, pero ghal fini tal-proceduri kriminali, il-Prosekuzzjoni qasmithom fi gruppi izghar.

**Konkluzjoni**

**59.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 68(2) u 68(3), 338(ee), 338(dd), 151, 160, 96(a) u 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 ta' Awwissu 2021, issib lill-imputat Ali Abdul Razak hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli imsemmija biss, u fil-waqt li ma ssibux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, issibu hati tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tletin (30) xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

2. Issib lill-imputat Ali Abdul Razak mhux hati tar-rimanenti reati kontemplati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju u qed tilliberah minnhom.

3. Wara li rat l-Artikoli 68(2) u 68(3), 338(ee), 338(dd), 151, 160, 96(a) u 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 t'Awwissu 2021, issib lill-imputat Abrihema Giymay Mengisteab hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli imsemmija biss, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena tmintax (18)-il xahar prigunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hmistax-il Euro (€115). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' stabbilita skond il-ligi.

4. Issib lill-imputat Abrihema Giymay Mengisteab mhux hati tar-rimanenti reati kontemplati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju u qed tilliberah minnhom.

5. wara li rat l-Artikoli 68(2) u 68(3), 338(ee), 338(dd), 151 u 160 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 ta' Awwissu 2021, issib lill-imputati Abdulrahman Abdulla Hamja, Giddu Mahiok u Abrham Hinstab hatja tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli imsemmija biss, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannahom ghal piena karcerarja ta' tnax (12)-il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitqas kull zmien li dawn l-imputati ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

6. Issib lill-imputati Abdulrahman Abdulla Hamja, Giddu Mahiok u Abrham Hinstab mhux hatja tar-rimanenti reati kontemplati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju u qed tilliberahom minnhom.

7. Inoltre, il-Qorti tordna lil hati Ali Abdul Razak ihallas individwalment u separatament parti minn seba' u ghoxrin parti ($1/27^{th}$) tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, u nofs l-ispejjez tal-espert mediku mahtur minn din il-Qorti b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2020, izda eskluzi l-ispejjez tal-esperti tal-ballistika, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu immedjatament meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

8. Inoltre, il-Qorti tordna lil kull wiehed mill-erba' hatja l-ohra ihallas individwalment u separatament parti minn seba' u ghoxrin parti ($1/27^{th}$ ) tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, eskluzi l-ispejjez tal-esperti medici u tal-ballistika, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu immedjatament meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**